**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 29 ta' Jannar, 2020**

**Avviz Numru: 270/2009 MLF**

**Savhil Developers Ltd u b'digriet tal-1 ta' Dicembru 2010 giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens illi minflok il-kelma "Developers" titnizzel il-kelma "Company", u b'digriet tas-7 ta' Dicembru 2011 giet awtorizzata korrezzjoni fis-sens illi minflok il-kliem "Savhil Company Limited" l-okkju ghandu jinqara "Savhil Developers Ltd"**

**vs**

**Paola Complex Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tas-socjeta` attrici li permezz tieghu talbet li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €10,482.18 rapprezentanti somma flus dovuta mis-socjeta` konvenuta u dan ai termini ta' ftehim milhuq bejn il-partijiet datat 6 ta' Mejju 2006.

**Deleted:** socjeta'

**Deleted:** '

**Deleted:** '

**Deleted:** ħ

Bl-ispejjez u bl-imghax.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez, stante illi ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet billi s-socjeta` esponenti qatt ma ikkontrattat mas-socjeta` rikorrenti.

Rat illi b'digriet datat 1 ta' Dicembru 2010, din il-Qorti diversament preseduta laqghet it-talba ghall-korrezzjoni maghmula mis-socjeta` attrici sabiex fl-isem tal-istess socjeta` attrici minflok il-kelma "Developers" titnizzel il-kelma "Company", u awtorizzat lis-socjeta` konvenuta tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha entro t-terminu impost fl-istess digriet.[1]

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta` konvenuta li permezz taghha eccepiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` Savhil Company Limited ma tezistix, u ghaldaqstant ma ghandhiex ebda personalita` guridika;

2. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost, id-dritt ghall-hlas tal-ammont mertu tal-kawza gie dekadut stante illi kien hemm ksur tal-obbligi emanenti mill-ftehim tas-6 ta' Mejju 2006.

Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati;

Rat illi b'digriet iehor datat 7 ta' Dicembru 2011, din l-Qorti diversament preseduta laqghet talba ohra ghal korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` attrici, sabiex minflok il-kliem "Savhil Company Limited" jinbidlu ghal "Savhil Developers Ltd".[2]

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

[1] Ara d-digriet a *fol.* 26 tal-process
[2] Ara d-digriet a *fol.* 35 tal-process

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fis-6 ta' Mejju 2006 gie ffirmat ftehim bejn is-socjeta` konvenuta u socjeta` indikata bhala Savhil Co. Ltd fejn, *inter alia,* gie maqbul illi l-kirja relattiva ghal hanut gewwa Gallarija Shopping Complex kienet qeghda tigi terminata. Fuq dan il-ftehim, ghan-nom ta' Savhil Co. Ltd kienu deheru Jeffrey Chetcuti u Glenn Chetcuti. L-istess Jeffrey u martu Claudine Chetcuti u Glenn u martu Janice Chetcuti kienu qeghdin jidhru wkoll bhala garanti ghall-obbligazzjonijiet assunti minn Savhil Co. Ltd fuq dan il-ftehim. [3]

2. Ma huwiex kontestat li s-socjeta` konvenuta hija proprjetarja ta' dan il-hanut.

3. Fuq dan l-istess ftehim kien gie mifthiem illi s-socjeta` Savhil Co. Ltd u l-garanti *in solidum* kienu debituri tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' Lm10,500 rapprezentanti arretrati ta' kera u kontribuzzjonijiet dovuti ghall-partijiet komuni u konsum ta' dawl u ilma. Gie mifthiem ukoll illi s-socjeta` Savhil Co. Limited kienet qeghda titrasferixxi lis-socjeta` konvenuta l-oggetti kollha indikati fil-lista immarkata bhala 'Exhibit A' u annessa mal-istess ftehim, liema oggetti inghataw il-valur ta' Lm15,000.

4. In vista ta' dan, gie maqbul li s-socjeta` konvenuta kellha thallas lis-socjeta` Savhil Company Ltd is-somma ta' Lm4,500 rapprezentanti l-bilanc rimanenti mill-valur ta' dawn l-oggetti u dan taht il-kondizzjonijiet imposti fil-klawsoli numru 5 u 6 li jaqraw hekk:

   *5. The Second Party and the guarantors undertake to ensure that any balance on the sale price of the said contents, owed to third parties, are settled within one month from today.*

   *6. The First Party undertakes to pay to the Second Party the sum of Lm 4,500 representing the balance due on the value of the contents of the premises, which amount will be due however, only once the permits mentioned in*

Deleted: '
Deleted: '
Deleted:
Deleted:
Deleted: '
Deleted: '
Deleted: '
Deleted: '
Deleted: '
Deleted: socjeta'
Deleted: socjeta'

[3] Ara l-ftehim a *fol.* 18 tal-process

*clause 2 above have been transferred. Furthermore the First Party undertakes to effect the payment of the said Lm4,5000 in nine equal payments of Lm500, to be effected on a monthly basis. The first payment is to be effected once proof of the fulfilment of the obligation undertaken in terms of lcuase 2 above has been given, whilst the remaining payments are to be effected each month thereafter.*

*Provided however that should the Second Party and the guarantors fail to fulfil their obligations undertaken in terms of clause 5 above within the period therein established they shall automatically forfeit their right to claim the sum of Lm 4,500 in terms of this clause.*

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

*L-Ewwel Eccezzjoni – In-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet*

Is-socjeta` konvenuta teccepixxi permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn il-partijiet stante illi hi qatt ma ikkontrattat mas-socjeta` attrici. Din l-eccezzjoni hija bbazata fuq il-fatt illi fil-ftehim datat 6 ta' Mejju 2006 li fuqu hija msejsa t-talba tas-socjeta` attrici, l-isem tas-socjeta` attrici kien gie indikat bhala "Savhil Co. Ltd" u mhux "Savhil Developers Limited".

F'dan ir-rigward, Jeffrey Chetcuti xehed illi isem is-socjeta` attrici huwa Savhil Developers Company Limited. Spjega li kemm fuq l-iskrittura originali ta' kera kif ukoll fuq il-ftehim datat 6 ta' Mejju 2006, bi zvista l-isem tas-socjeta` attrici kien gie indikat bhala Savhil Co. Ltd. Qal li hu qatt ma kien induna b'dan l-izball sakemm is-socjeta` attrici kienet talbet il-hlas pretiz permezz ta' din il-kawza u s-socjeta` konvenuta ssollevat din l-eccezzjoni.

Id-determinazzjoni dwar jekk tezistix relazzjoni guridika bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta hija wahda fondamentali f'din il-kawza stante li fin-nuqqas, il-Qorti ikollha tieqaf hawn u tghaddi biex tillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. Fis-sentenza fl-ismijiet **Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et** deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001 gie ritenut illi:

*"Din il-Qorti allura tikkonsidra illi biex tistabilixxi jekk parti in kawza kinietx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, il-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kinitx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi – kif iddecidiet korrettement f'dan il-kaz - illi l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti. Kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor jew lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza."*

Sentenza b'fattispecje simili ghal dik odjerna hija dik fl-ismijiet **Costa Brava Co. Ltd. vs Dormex Promotional Printing Limited**, deciza fit-28 ta' Novembru 2007 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri).[4] Din il-kawza kienet ukoll titratta dwar negozju ma' kumpanija kummercjali li qatt ma ezistiet u fejn ukoll is-socjeta` konvenuta eccepiet li ma kinietx il-legittimu kontradittur. Il-Qorti tal-Appell irriteniet hekk:

*"Fl-isfond ta' dawn l-elementi ta' provi l-ewwel Qorti ghaddiet biex takkolji l-ewwel eccezzjoni preliminari tas-socjeta` konvenuta in bazi ghar-ragonament illi qatt ma ezistiet kumpanija bl-isem Dormax Company Limited ghal liema jirreferu l-invoices u la l-kumpanja konvenuta giet biss imwaqqfa fid-29 ta' Dicembru, 2000 isegwi li din ma kellha xejn x'taqsam man-negozju in kwestjoni. Bir-rispett dovut, ma jidhirx li dan ir-ragonament u*

[4] *Per* Imhallef Philip Sciberras.



Deleted: '
Deleted:
Deleted:
Deleted:
Deleted: *e*

*konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti jista' jigi leggerment kondiviz meta mqeghda fil-kwadru komplessiv u unitarju tal-fattispeci singolari u partikulari tal-kaz;*

*Din il-Qorti thoss li in linea preliminari ghandha tibda biex tirregistra illi r-relazzjonijiet negozjali jitwieldu minn att jew atti miranti ghall-produzzjoni ta' effett guridiku fl-ambitu tad-drittijiet bejn zewg soggetti jew aktar. Ara, in tema, is-sentenza recenzjuri ta' din il-Qorti tas-27 ta' Gunju 2007 fil-kawza fl-ismijiet "**Gutenberg Press Ltd -vs- Mario Camilleri nomine**". Tradott dan ghall-fattispeci ghandu jfisser, fuq l-attendibilita` tax-xhieda u ta' l-invoices, ir-rapport krejat bejn is-socjeta` attrici appellanti u s-socjeta` Dormax Co. Ltd. Gjaladarba, pero`, irrizulta li din l-ahhar imsemmija socjeta` ma tezistix hu evidenti li l-invoices ma jirriflettux il-veru suggett destinatarju fit-traffiku tal-kontrattazzjonijiet li saru. Dan jista' jkun dovut ghall-fatt illi meta gew pjazzati l-ordnijiet isem il-kumpanija akkwirenti gie indikat erronjament jew, ukoll, miftiehem hazin mill-kumpanija attrici. Jibqa' l-fatt li l-ordnijiet saru, l-merce giet konsenjata, u d-debitu relattiv inskritt fil-kotba tal-kumpanija D. P. Company Limited. Dan fuq l-ammissjoni ta' l-istess rapprezentant tas-socjeta` konvenuta;*

*Apparentement, minn dan rifless, il-kumpanija debitrici tas-socjeta` attrici kellha strettament tkun is-socjeta` D. P. Company Limited ghax, fil-verita`, il-kontrattazzjonijiet saru ma' din, u mhux ukoll ma' xi kumpanija effimera li fir-realta` ma tezistix. Mhux eskluz fil-prattika, specjalment fejn ikunu jezistu kumpaniji diversi fi grupp, illi jsiru zbalji fl-intestatura ta' isem il-kumpanija fuq l-invoices. Dan, pero`, ma ghandux, ghal dan il-fatt, jarreka zvantaggi jew vantaggi, skond mil-liema ottika wiehed ihares lejn il-kwestjoni.*

*Certi espedjenti mhux biss ma jikkonformawx ghar-realta` guridika vera izda wkoll ma jirrendux il-gustizzja dovuta, ghax jekk, kif verifikat, kienet is-socjeta` D. P. Company Limited li uzufruwit ruhha mill-merce kkonsenjata din ma tistax tippretendi li tista' tehles mir-responsabilita` taghha tal-pagament, semplicement fuq l-assunt illi l-invoices ma jsejhux lilha;"*

Meta dan l-insenjament jigi applikat ghall-fattispecje tal-kaz odjern, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li mill-provi prodotti jirrizulta li f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li s-socjeta` konvenuta mhix estraneja ghas-socjeta` attrici. Huwa minnu li l-isem "Savhil Co. Limited' u "Savhil Developers Limited" m'huwiex l-istess, izda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li din hija l-istess kumpanija b'personalita` guridika wahda, u ghalhekk meta s-socjeta`

Deleted:

Deleted: socjeta'

Deleted: socjeta'

Deleted: '

Deleted: i

Deleted: socjeta'

konvenuta ikkuntrattat il-ftehim *de quo*, ir-relazzjoni guridika li tnisslet minn dak il-ftehim kienet bejnha u bejn is-socjeta` attrici. Il-fatt li sar zball fl-isem ma jibdel xejn mill-identita` tas-socjeta` attrici. Dan mhuwiex kaz fejn is-socjeta` konvenuta qed tigi mitluba tezegwixxi obbligazzjoni assunta fuq ftehim konkluz ma' persuna differenti.

Is-socjeta` konvenuta ma tistax tahrab mill-obbligazzjonijet taghha sempliciment ghax fuq il-ftehim datat 6 ta' Mejju 2006 l-isem tas-socjeta` attrici gie indikat bhala "Savhil Co. Ltd" minflok "Savhil Developers Limited". Dak li qed tittenta taghmel is-socjeta` konvenuta hu li tinheba wara din l-iskuza sabiex tahrab mill-obbligazzjonijiet minnha assunti fuq dan il-ftehim. Dan qieghed jinghad ukoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili u cioè illi "*l-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi.*"

In oltre, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-isem ta' persuna fizika jew, bhal ma huwa f'dan il-kaz persuna guridika, iservi biss bhala mezz ta' identifikazzjoni ta' dik il-persuna u sabiex dawn jigu distinti minn persuni ohra. Meta pero` din id-distinzjoni hija cara, m'huwiex gust u lecitu li persuna specifika u identifikata, tinqeda bi zball biex tiskarta mill-obbligi minnha assunti. Fejn l-identita` ta' min akkwista u min assuma, hija hekk facli, u determinabbli, l-isem zbaljat hija immaterjali u ta' importanza sekondarja.

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti hija tal-fehma illi huwa facilment determinabbli li l-ftehim datat 6 ta' Mejju 2006 sar bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta u ghalhekk tezisti relazzjoni guridika bejniethom ghab-bazi ta' dan il-ftehim. Konsegwentement, din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta m'hijiex misthoqqa u ser tigi michuda.

*It-Tieni Eccezzjoni – In-nuqqas ta' personalita` guridika tas-socjeta` Savhil Company Limited*

Il-Qorti tosserva li din l-eccezzjoni inghatat mis-socjeta` konvenuta wara li b'digriet datat 1 ta' Dicembru 2010, giet milqugha t-talba tas-socjeta` attrici sabiex l-isem tal-istess socjeta` attrici indikat fl-avviz promotur jinbidel minn "Savhil Developers Limited" ghal "Savhil Company Limited".

Madankollu fuq talba ohra tas-socjeta` attrici, b'digriet sussegwenti datat 7 ta' Dicembru 2011 giet ordnata korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` attrici sabiex dan jerga' jinbidel ghal kif kien originarjament indikat bhala "Savhil Developers Ltd".

B'digriet iehor tat-3 ta' Gunju 2013, din il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fl-isem tas-socjeta` attrici sabiex il-kelma "Company" tigi sostitwita bil-kelma "Developers". Din it-tielet talba ghall-korrezzjoni ta' isem is-socjeta` attrici, u dan id-digriet tat-3 ta' Gunju 2013 huma fil-verita` superfluwi ghax isem is-socjeta` attrici kien diga` gie mibdul ghal "Savhil Developers Ltd" bid-digriet tas-7 ta' Dicembru 2011.

In vista ta' din il-korrezzjoni, din l-eccezzjoni giet sorvolata, u ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

*Il-Mertu*

Permezz tat-tielet eccezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta tecepixxi li d-dritt ghall-hlas tal-ammont mertu tal-kawza gie dekadut stante illi s-socjeta` attrici kissret l-obbligi emanenti mill-ftehim tas-6 ta' Mejju 2006.

Fin-nota ta' sottomissjonijet taghha, s-socjeta` konvenuta tispjega din l-eccezjoni billi tressaq l-argument illi ai termini tal-klawsola numru 5 tal-ftehim *de quo*, is-socjeta` attrici kellha xahar zmien mid-data tal-ftehim sabiex thallas l-ammonti kollha dovuti lil terzi fir-rigward tal-oggetti indikati fil-lista immarkata bhala 'Exhibit A' u annessa mal-istess ftehim, u ghalhekk l-obbligu tal-hlas tal-bilanc kien jiskatta hekk kif is-socjeta` attrici tipprova li tkun onorat l-obbligu taghha ai termini tal-klawsola numru 5. Is-socjeta` konvenuta tkompli targumenta illi skond il-klawsola numru 6, fin-nuqqas li tonora dan l-obbligu fi zmien xahar, il-ftehim bejn il-partijiet kien li s-socjeta` attrici tkun qeghda tiddekadi mid-dritt taghha li titlob il-hlas ta' dan il-bilanc.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tosserva li *ai termini* tal-klawsola numru 5, is-socjeta` attrici u l-garanti obbligaw ruhhom li jizguraw ruhhom li kwalunkwe bilanc dovut lil terzi fuq il-prezz tal-bejgh tal-oggetti msemmija kellu jigi saldat fi zmien xahar mid-data tal-ftehim.

Permezz tal-klawsola numru 6 imbaghad, il-partijiet ftehmu l-modalita` ta’ kif kellhom isiru l-pagamenti ta’ din is-somma u qablu li l-obbligu ghall-hlas kien jiskatta meta s-socjeta` attrici tipproduci prova li hija onorat l-obbligu assunt minnha fi klawsola numru 2 tal-ftehim u cioe` li tassigura li l-permessi mahruga f’isimha ghar-rigward tal-fond mikri jigu trasferiti fuq isem is-socjeta` konvenuta. Finalment il-partijiet qablu li jekk is-socjeta` konvenuta u l-garanti jonqsu milli jwettqu l-obbligi taghhom skond il-klawsola 5 fil-perjodu (ta’ xahar) stabbilit, huma awtomatikament jiddekadu mid-dritt taghhom li jitolbu s-somma ta' Lm4,500 skond din il-klawsola.

Il-fatt li s-socjeta` attrici onorat l-obbligu minnha assunt minnha fil-klawsola numru 2 ma jiffurmax parti mill-kontestazzjoni tas-socjeta` konvenuta, tant li dan la jissemma fin-noti tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, la fl-affidavit ta’ Mario Gauci, direttur tas-socjeta` konvenuta u lanqas ssir referenza ghalih fin-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta` konvenuta.

Il-punt determinanti ghar-rizoluzzjoni tal-kawza odjerna huwa jekk l-obbligu tas-socjeta` attrici kienx limitat li thallas kwalunkwe bilanc dovut lil terzi fuq il-prezz tal-bejgh ta’ dawn l-oggetti fi zmien xahar, jew inkella jekk kienx hemm l-obbligu wkoll illi f’dan l-istess zmien tipproduci wkoll prova ta’ dan il-hlas lis-socjeta` konvenuta.

Hija l-fehma ta’ din il-Qorti li l-obbligu assunt mis-socjeta` attrici fi klawsola numru 5 tal-ftehim kien li hija (*in solidum* mal-garanti) thallas dak kollu dovut lil terzi fi zmien xahar mid-data tal-iskrittura. Ma jirrizultax li dan l-obbligu kien abbinat ma’ obbligu iehor li tipproduci prova ta’ dawn il-hlasijiet. Minn qari, anke wiehed superficjali tal-klawola numru 6, jirrizulta li l-obbligu tas-socjeta` attrici li tipproduci prova kien limitat ghal dak miftiehem fi klawsola 2, u cioe` li hija tkun trasferiet il-permessi minn fuq isimha ghal fuq isem is-socjeta` konvenuta. Jekk l-intenzjoni tal-partijiet waqt l-iffirmar tal-ftehim kien li s-socjeta` attrici kellha tipproduci wkoll prova ta’ dawn il-hlasijiet, dan kien jigi indikat b’mod specifiku bhal ma sar fir-rigward ta’ klawsola numru 2 fir-rigward tat-traferiment tal-permessi.

Minn qari tal-klawsola numru 5 jirrizulta b’mod car li l-obbligu assunt mis-socjeta` attrici ma kienx li hija kellha taghmel prova tal-hlas lis-socjeta` konvenuta, imma sempliciment li thallas lil terzi fi zmien xahar. Fl-affidavit tieghu Jeffrey Chetcuti jispjega li “*Jien kemm-il darba ghidt lill-konvenuti li mal-kredituri taghna fi zmien xahar mit-terminu tal-kirja konna*

Deleted: ’
Deleted:
Deleted: socjeta’
Deleted: ’
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted:
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted: u
Deleted: u
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted:
Deleted: socjeta’
Deleted: ’
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted: u
Deleted: socjeta’
Deleted: socjeta’
Deleted:
Deleted: -

*wasalna f'arrangament ma' kulhadd tant li qatt ma kellna kwistjoni mal-kredituri u anke ghandi dokumentazzjoni li tikkonferma dan.*"[5] Min-naha naha l-ohra, is-socjeta` konvenuta ma ressqet l-ebda prova sabiex tikkontradici dan il-fatt. La darba hija s-socjeta` konvenuta li qed tallega li ma hallsitx il-bilanc dovut, ghaliex is-socjeta` attrici ma onoratx dak pattwit f'din il-klawsola, kien jinkombi fuqha l-oneru li tressaq tali prova. Dan, is-socjeta` konvenuta ma ghamlitux u ghalhekk din il-Qorti tqis li t-talba tas-socjeta` attrici hija misthoqqa u ser tigi milqugha.

Konsegwentement, anke din l-eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni – ossia l-ewwel eccezzjoni fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri taghha - tas-socjeta` konvenuta;

2. Tichad l-ewwel eccezzjoni fl-ewwel nota ta' eccezzjonijiet, u t-tielet eccezzjoni – ossia it-tieni eccezzjoni fin-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri - tas-socjeta` konvenuta;

3. Konsegwentement tilqa' t-talba tas-socjeta` attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas is-somma ta' ghaxart elef erba' mija u tnejn u tmenin Ewro u tmintax-il centezmu (€10,482.18), bl-imghaxijiet legali mit-22 ta' Lulju 2009 (id-data li fiha gie ippezenzat ir-rikors promotur ta' dawn il-proceduri) sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mis-socjeta` konvenuta.

**Magistrat** **Deputat Registratur**

[5] Ara l-affidavit ta' Jeffrey Chetcuti a *fol.* 16 tal-process